MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI RIMANDANTI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2015

Numru. 408/2015

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Stefano DETASSIS**

(aktar l-isfel magħruf bħala "l-estradant")

Il-Qorti :

Rat il-Mandat t'Arrest Ewropew (MAE) mahrug mill-"Giudice per le indagini preliminari del Tribunale di Pesaro" (li jinsab a fol 17) nonche l-

allert mahrug skont is-Schengen Information System – SISII a fol 13 (bin-numru ITRMACPNCFGQVTC000001) kontra DETASSIS Stefano, ta' 52 sena, imwieled Trento, l-Italja, nhar is-16 ta' Mejju 1962 detentur tal-karta tal-identita 0078598A u dokument ta' residenza MT7787782 (aktar l-isfel maghruf bhala "l-estradant") minn fejn jirrizulta li dawn l-Awtoritajiet Gudizzjarji Taljani talbu li l-istess estradant jigi mibghut minn Malta lejn l-Italja (pajjiz skedat ai termini tar-regolament 5 tal-Avviz Legali 320 tal-2004 [aktar l-isfel maghruf bhala "l-Ordni"]) sabiex iwiegeb ghar-reat ta' "partecipazione a un'organizzazione criminale" ossija "associazione a delinquere" finalizzat għal truffa kif kwalifikat skont kif jirrizulta mill-istess Mandat t'Arrest Ewropew.

Rat l-allert mahrug skont is-Schengen Information System – SISII a fol 13 u l-Form A "Supplementary Information relating to an extradition" a fol 15;

Rat ic-Certifikat mahrug mill-Avukat Generali skont ir-regolament 7 tal-Ordni fejn jiccertifika li l-Giudice per le indagini preliminari fi hdan it-Tribunal ta' Pesaro hu l-awtorita li hareg l-allert mahrug skont is-Schengen Information System – SISII a fol 13 (bin-numru ITRMACPNCFGQVTC000001) kontra l-estradant ghandu l-funzjoni li johrog allerti fl-Italja;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Mejju 2015 mizmuma quddiem din il-Qorti diversament presjeduta minn fejn jirrizulta li giet kondotta l-"initial hearing" minn fejn gie certifikat li dik il-Qorti kienet sodisfatta li l-Persuna ta' DETASSIS Stefano migjuba quddiemha kienet l-istess persuna li jirriferi ghaliha l-MAE u dan ai termini tar-regolament 10 tal-Ordni kif ukoll fejn jirrizulta li l-estradant ma kienx qieghed jaghti l-kunsens tieghu biex jintbaghat lura lejn il-pajjiz skont il-MAE skont il-meritu tal-kawza u dan ai termini tar-regolament 11 tal-Ordni.

Rat ukoll il-verbal tas-seduta tat-13 ta' mejju 2015 minn fejn jirriżulta li l-partijiet qablu li matul is-seduta precedenti l-estradant: -

(a) kien ingħata l-informazzjoni kollha dwar il-MAE meritu ta' din il-proċedura;
(b) li ingħata wkoll l-informazzjoni meħtiega fir-rigward tal-kunsens;

Rat ukoll li matul din is-seduta l-partijiet qablu wkoll li r-reat li ghalih inhareg il-MAE huwa reat skedat u jgorr piena ta' sena prigunerija jew aktar.

Rat li d-difiza talbet kjarifika dwar il-fatt li l-piena imsemmija fil-mandat kienet dik ta' "anni dieci e mesi sei di reclusione" u din ma kienetx taghmel riferenza jekk kienetx il-piena massima erogabbli ghal dan l-allegat reat inkluz l-aggravanti u talbet kjarifika dwar dan il-punt;

Rat li l-Qorti nnotat li skont l-Artikolu 416 comma 1 tal-Codice Penale Taljan il-piena preskritta ghar-reat t'associazione a delinquere fil-forma mhux kwalifikata tieghu kienet dik ta' bejn tlieta u seba' snin prigunerija;

Rat ukoll li fid-dawl ta' din il-kjarifika d-Difiża qablet li r-reat ipotezzat fil-mandat ta' arrest ewropew huwa reat t'estradizzjoni ghal fini tar-regolament 12 tal-Avviz Legali 320 tat-2004.

Rat ukoll li l-Qorti ddeciediet li r-reat indikat fil-mandat t'arrest

ewropew huwa reat t'estradizzjoni ghal fini tar-regolament 12 tal-Avviz Legali 320 tat-2004.

Rat id-dikjarazzjoni tad-difiza li f'dan il-kaz ma jirrizultawx impedimenti ghall-estradizzjoni skont ir-regolament 13 tal-Avviz Legali 320 tat-2004 kif ukoll ma tirrizulta ebda raguni li in bazi taghha jista' jkun hemm dewmien fit-treggih lura tal-estradant lejn I-Italja skont l-Artikoli 28 et tal-Avviz Legali 320 tal-2004.

Rat ghalhekk li din il-Qorti setghet tipprocedi f'dan il-kaz ai termini tal-Artikolu 24 tal-Avviz Legali 320 tal-2004 stante li ma hemm ebda impediment legittimu ghaliex l-istess DETASSIS ghandu ma jintbaghatx lejn l-Italja skont kif mitlub mill-Awtoritajiet Gudizzjarji Taljani fil-MAE jew li jkun hemm dewmien fl-ispedizzjoni tieghu lejn l-Italja in ezekuzzjoni tal-istess MAE;

## *Ghaldaqstant*

il-Qorti qeghdha tordna li DETASSIS Stefano jinzamm taht kustodja fi stennija ghat-treggiegh lura lejn l-Italja u cioe l-pajjiz skedat minn fejn inhareg il-MAE u dan ai termini tar-regolament 13(5) u 24 tal-Ordni.

Din l-ordni ghal-kustodja tal-estradant qeghdha ssir bil-kundizzjoni li l-estradizzjoni tal-estradant lejn l-Italja tkun soggetta dejjem ghal-"law of speciality" ossija in konnessjoni mar-reati addebitati lilu fil-MAE u msemmi fir-regolament 18 tal-Ordni.

Il-Qorti qeghdha, ai termini tar-regolament 25 tal-Ordni kif ukoll tal-Artikolu 16 tal-Kap 276 tinforma lill-estradant li :

(a) huwa mhux ser jigi mregga' lura lejn l-Italja qabel ma jghaddu sebat ijiem mid-data ta' din l-ordni ta' kustodja;

(b) ghandu dritt li jinterponi appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn din l-Ordni;

(c) jekk jidhirlu li xi wiehed mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Kap 276 gie miksur jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja hija, tkun giet jew x'aktarx tkun sejra tigi miksura dwar il-persuna taghha hekk li tkun gustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-qorti, hija ghandha jedd titlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja skont il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------